MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Mandat Numru. 1872/2013/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` inibizzjoni Numru 1872/2013 JZM fl-ismijiet :**

**Frank Borda Limited C446**

***kontra***

**En Route Malta Drive Limited C25799 u Julie Barbara I.D. 320973 (M) in solidum**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-10 ta` Dicembru 2013 fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex –

*Tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu milli jbieghu, inehhu,*

*jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-appartament internament indikat bin-numru erbgha ittra "B" (4B), fit-tieni sular, formanti parti minn blokk ta` appartamenti u basement liema blokk igib l-isem ta` "Najni Apartments" gewwa Triq il-Faxxina, Swieqi.*

Rat illi l-kreditu pretiz mir-rikorrenti huwa ghall-ammont ta` €59,854.89 ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, kif ikkonferma bil-gurament tieghu Darren De Domenico, rapprezentant tar-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Dicembru 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien sat-12 ta` Dicembru 2013 biex jipprezentaw risposta, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` s-16 ta` Dicembru 2013 fil-11.15 a.m.

Rat illi l-intimati kienu notifikati fl-10 ta` Dicembru 2013 bir-rikors promotorju u bl-avviz tas-smigh izda ma pprezentawx risposta.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2013, il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha precedenti u kkancellat ir-rikors mil-lista.

Rat illi wara talba mir-rikorrenti, ir-rikors kien riappuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta` Jannar 2014 fl-10.45 a.m.

Rat illi l-intimati kienu notifikati bl-avviz tar-riappuntament fit-23 ta` Jannar 2014.

Rat illi ghall-udjenza tal-lum, dehru biss rapprezentanti tar-rikorrenti u d-difensur tar-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-lum, fejn halliet ir-rikors
ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

Illi t-talba tar-rikorrenti saret abbazi tal-Art 874 tal-Kap 12.

Illi l-intimati la pprezentaw risposta u lanqas dehru quddiem il-Qorti sabiex jirribattu ghall-pretensjoni tar-rikorrenti.

Illi huma sodisfatti r-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug tal-Mandat.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta.**

**Qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati "in solidum" sabiex jinzammu milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-appartament internament indikat bin-numru erbgha ittra "B" (4B), fit-tieni sular, formanti parti minn blokk ta` appartamenti u basement liema blokk igib l-isem ta` "Najni Apartments" gewwa Triq il-Faxxina, Swieqi.**

**Ghall-fini tal-Art 874(3) tal-Kap 12, tahtar lin-Nutar Pubbliku Dottor Daniela Mercieca sabiex, ghas-spejjez tar-rikorrenti, tinnotifika dan il-Mandat ta` Inibizzjoni, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-**

**Artijiet li ghandhom minnufih jiktbuh f`registru li jzommu ghaldaqshekk.**

**Tordna li l-ispejjes ta` dan il-procediment jithallsu mill-intimati "in solidum".**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------